



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Frar 2023
(OR. en)

6057/23

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0258(NLE)

AVIATION 19
RELEX 145
USA 11
N 9
ISL 10

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Frar 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 52 final
Suġġett:	Proposta emendata għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iffirmat fil-25 u fit-30 ta' April 2007, kif emendat bil-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iffirmat fil-25 u fit-30 ta' April 2007, iffirmat mill-Istati Uniti tal-Amerka u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fl-24 ta' Ġunju 2010, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 52 final.

Mehmuż: COM(2023) 52 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.2.2023
COM(2023) 52 final

2019/0258 (NLE)

Proposta emendata għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iffirmat fil-25 u fit-30 ta' April 2007, kif emendat bil-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iffirmat fil-25 u fit-30 ta' April 2007, iffirmat mill-Istati Uniti tal-Amerka u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fl-24 ta' Ġunju 2010, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Fl-14 ta' Novembru 2019, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikolu 218(6)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 6(2), it-tieni subparagrafu, tal-Att tal-Adeżjoni, li tapprova l-konklużjoni ta' protokoll li jemenda l-ftehim dwar it-trasport bl-ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea¹.

It-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni għall-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea fil-31 ta' Diċembru 2020 kien jeħtieġ li jsiru emendi għall-protokoll sabiex jitneħħew minnu r-referenzi għar-Renju Unit. Il-Kummissjoni għalhekk innegożjat mal-Istati Uniti l-emendi meħtieġa għal dak l-għan. Id-delegazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Uniti qablu dwar l-emendi.

Barra minn hekk, huwa meħtieġ li jiġi emendat l-Artikolu 2 tad-deċiżjoni tal-Kunsill proposta sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-attribuzzjoni tas-setgħat fost l-istituzzjonijiet skont it-Trattati, u b'mod partikolari l-prerogattiva tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 17 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea li tirrappreżenta lill-Unjoni esternament.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni tippreżenta din il-proposta emendata għad-deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni tal-protokoll.

¹ [COM/2019/585-final](#).

Proposta emendata għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iffirmat fil-25 u fit-30 ta' April 2007, kif emendat bil-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iffirmat fil-25 u fit-30 ta' April 2007, iffirmat mill-Istati Uniti tal-Amerka u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fl-24 ta' Ġunju 2010, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att tal-Adeżjoni tal-Kroazja, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill [], il-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iffirmat fil-25 u fit-30 ta' April 2007, kif emendat bil-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iffirmat fil-25 u fit-30 ta' April 2007, iffirmat mill-Istati Uniti tal-Amerka u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fl-24 ta' Ġunju 2010, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ("il-Protokoll"), ġie ffirmat fi [], soġġett għall-konklużjoni tiegħu iktar 'il quddiem. Jenħtieġ li l-Protokoll jiġi approvat f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iffirmat fil-25 u fit-30 ta' April 2007, kif emendat bil-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iffirmat fil-25 u fit-30 ta' April 2007, iffirmat mill-Istati Uniti tal-Amerka u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fl-24 ta' Ġunju 2010, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ("il-Protokoll"), huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni għandha tipproċedi, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, bl-iskambju ta' noti diplomatiċi previst fl-Artikolu 3 tal-Protokoll, sabiex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha li jintrabtu bil-Protokoll.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President